MALTA RESOURCES AUTHORITY

# Ċertifikazzjoni ta' Inġinjiera

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi qed tiġbor reġistru ta' inġinjiera li huma kkwalifikati fit-teknoloġiji tal-Gass Petroleum Likwefatt u li jixtiequ jkunu approvati bħala 'persuni kompetenti' kif spjegat fir-Regolamenti tal-Gass Petroleum Likwefatt,. Għalhekk qed tilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni li għandhom warrant biex jipprattikaw il-professjoni ta' inġinjier biex ikunu reġistrati fir-Reġistru msemmi.

Skont, l-Avviż Legali 249 tal-2008 persuna kompetenti tkun awtorizzata li twettaq spezzjonijiet ta' verifika, tkun tista' tagħmel superviżjoni ta' bdil materjali li jsir fil-faċilitajiet awtorizzati kif ukoll tiċċertifika faċilitajiet awtorizzati, fosthom installazzjonijiet fissi ta' pajpijiet, faċilitajiet sekondarji tal-ħżin ta' GPL u postijiet minn fejn jinbigħ l-autogas bl-imnut, skont linji ta' gwida u Kodiċi ta' Prattika approvati mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.

Dawk interessati li jikkwalifikaw bħala persuna kompetenti, għandhom japplikaw fuq formola li tista' titniżżel mill-websajt www.mra.org.mt jew li tista' tinkiseb mill-uffiċċji tal-MRA. Flimkien mal-applikazzjoni jridu jibgħatu CV dettaljata, fejn jindikaw biċ-ċar it-taħriġ, esperjenza u sengħa marbuta mat-teknoloġija tal-GPL

Hu importanti li min japplika jinkludi kopja

(i) tal-warrant ta' inġinjier u

(ii) ċ-ċertifikati ta' kompetenza li juru l-modules relatati mal-konteniture tal-ħażna tal-GPL u tal-piping tal-GPL.

(iii)

Approvazzjoni tingħata kemm-il darba l-Awtorità tkun sodisfatta li l-persuna li għamlet l-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-avviż legali.

L-MRA tixtieq tavża li fix-xhur li ġejjin se torganizza kors biex dawk l-inġinjiera interessati fis-settur li m'għandhomx il-kwalifiċi meħtieġa jkunu jistgħu joqgħodu għal eżami u jekk jgħaddu jkunu approvati bħala 'persuni kompetenti' skont it-termini tal-Avviż Legali 249 tal-2008.

L-applikazzjonijiet, immarkati Private and Confidential, għandhom ikunu ndirizzati lid-Direttur (Enerġija), Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi, Millennia, 2nd Floor, Triq Aldo Moro, Marsa MRS 9065.

6th April 2009

MRA/PR 7/09

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 21220619; Fax: +356 22955200 E-mail: enquiry@mra.org.mt*